## Trattament



Illum jeżisti trattament għall-Epatite Ċ u inti tista' tiġi kkurat(a). Jekk taħseb li tinsab f'riskju, mur għand it-tabib tiegħek jew fil-klinika GU u itlob li jsirulek it-testijiet meħtieġa.

## Kif tgħix bl-Epatite Ċ

Huwa importanti li tieħu ħsieb saħħtek:

1. It-titjib u l-konsum tal-alkoħol jagħmlu l-marda agħar. Tpejjipx u tixrobx wisq alkoħol;



2. Evita ikel b'kontenut għoli ta' xaħam;



3. Żomm piż tajjeb għas-saħħa: la għandek tonqos mill-piż normali tiegħek u lanqas tiżdied;



4. Żomm bogħod mill-periklu billi:

a. Ma tużax labar, siringi, stros jew apparat ieħor li jintuża għall-abbuż mid-droga, li jintużaw minn persuni oħrajn



b. Tuża kondom waqt l-attività sesswali



c. Ma tinvolvix ruħek fi ġlied bl-idejn, peress li jista' joħrog id-demm



## Itlob Pariri minn:

- It-tabib tiegħek (Tabib tal-Familja).
- Il-klinika ġeniturinarja (GU) fuq in-numru 21227981/25457494.
- Id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard fuq in-numru 23266107.
- Il-linja telefonika tal-għajnuna tad-Detox 22261800.

Żur is-sit web tagħna: www.sexualhealth.gov.mt

@Sexualhealthmalta

Health Promotion & Disease Prevention Directorate
Tel: 2326 6000, www.healthpromotion.gov.mt

SEXUALHEALTH MALTA

# Epatite Ċ

L-epatite hija marda li taffettwa l-fwied.
Hemm tipi differenti ta' epatite u xi wħud minnhom jistgħu jikkawżaw ħsara kbira fil-fwied.

Dan il-fuljett huwa dwar l-Epatite Ċ.



L-Epatite Ċ hija infezzjoni kkawżata minn vajrus li jista’ jikkawża ħsara severa fil-fwied.



## Hija tiġi trażmessa:

**1.** Bl-użu komuni ta’ apparat li jintuża għall-abbuż mid-droga flimkien ma’ persuna li għandha l-epatite Ċ. Dan Jinkludi:

a) labar u siringi,



b) mgħaref, ilma, eċċ;





ċ) apparat li jintuża għallġbid tad-drogi mill-imnieħer,





**2.** Bl-użu komuni ta’ apparat li jintuża għattatwaġġ (Tattoos), għat-titqib tal-ġisem (eż. imsielet) u għall-akupuntura (trattament li jinvolvi l-labar). Jekk tixtieq tagħmel tpinġija, misluta jew teħtieġ l-akupuntura, mur fi stabbiliment/klinika bil-liċenzja.



**3.** Waqt l-att sesswali ma’ persuna pożittiva għall-Epatite Ċ, billi l-vajrus huwa preżenti fil-fluwidi tal-mara u tar-raġel;



**4.** Bl-użu komuni ta’ xkupilja tas-snien ma’ persuna pożittiva għall-Epatite Ċ;



**5.** Bl-użu komuni ta’ xafra ma’ persuna pożittiva għall-Epatite Ċ;



## Sintomi

**1.** Ħafna nies ma jkollhomx sintomi u, b’hekk, ma jkunux jafu li jkunu ġew infettati, madankollu, huma xorta jistgħu jittrażmettu l-infezzjoni;



**2.** Ġeneralment, is-sintomi jistgħu jibdew jidhru xhur u, saħansitra, snin wara. Sa dan iż-żmien, il-ħsara kbira fil-fwied, dik li jsejħula bħala ċirrożi.



**3.** Is-sintomi jinkludu:

a. Tħossok ma tiflaħx



b. Tirremetti



c. Uġigħ ta’ ras



d. Uġigħ fil-muskoli u fil-ġogi



e. Deni



f. Suffejra, fejn il-kulur tal-għajnejn u tal-ġilda jibdew jiġu kulur isfar (Din mhux dejjem tkun preżenti).

